MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru. 1496/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 22 ta' Mejju 2008.**

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**VS**

**GORDON FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni kontra Gordon Farrugia ta’ 30 sena, ta’ nazzjonalita’ Maltija, iben Joseph u Rose nee’ Aquilina, imwieled Pieta’, fis-16 ta’ Ottubru 1977, residenti Numru 19, Triq il-Warda, Qrendi u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ numru 511877 M;

Talli fix-xhur ta’ qabel is-17 ta’ Frar 2007, f’dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokumenti mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Kif ukoll talli sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 3 ta’ Novembru 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-Artikoli 49, 50 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja ta’ l-imputat ma’ thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Gordon Farrugia, hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre, din il-Qorti qieghda tordna l-iskwalifika tal-licenzja ta’ l-armi ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------